# Il-Granmastru Vilhena (1663 - 1736) Erbatax-il Sena ta' Ħidma ta' Suċċess

**Stephen M. Camilleri** *B.Com, B. Accty (Hons), PGCE (Bus Stud), AIA, CPA*

Ħafna, bir-raġun jorbtu t-tmexxija tal-Granmastru Vilhena, ġustament, mal-ħolqien tal-Floriana. Madanakollu, it-tmexxija tiegħu bejn l-1722 u l-1736 ħalliet effett kbir fuq Malta kollha bi proġetti u inizjattivi li saru f'diversi nħawi fil-gżejjer Maltin.

Tajjeb infakkru li l-Granmastru Vilhena kien qed imexxi lil Malta f'perjodu li fih kien hawn xnigħat serji ta' attakki mit-Torok. Għalkemm sa dan iż-żmien kienet diġà nbniet il-belt Valletta, il-qilla li ġab miegħu l-Assedju l-Kbir tal-1565, għalkemm wara 150 sena, kienet għadha f'moħħ il-Maltin u xtaqu li diżgrazzja bħal din ma terġa' qatt tiġi fuqhom. Għalhekk f'dan l-kuntest wieħed irid jifhem l-importanza li ngħatat lid-difiża tal-pajjiż. Dan jidher f'ħafna mill-proġetti li wettaq dan il-granmastru.



*Il-Granmastru Vilhena 1663-1736*

**Il-Forti Manoel**

Wieħed mill-proġetti b'raġunijiet ta' difiża li twettaq mill-Granmastru Vilhena huwa l-bini tal-forti Manoel. Wara li Vilhena saħħaħ il-fortifikazzjonijiet tal-Birgu, kien ilu jinħass li l-Belt Valletta, għalkemm imdawra bis-swar, kien jenħtieġ li tkompli tissaħħaħ. Dan minħabba li, għall-kuntrarju tal-Port il-Kbir li kellu l-forti Sant' Anġlu jgħasses f'nofsu, min-naħa tal-port ta' Marsamxett ma kien hemm l-ebda difiża biex iżżomm l-għadu milli jidħol mal-ġenb tal-Belt. Vilhena solva din il-problema billi bena forti kbir f'nofs il-port ta' Marsamxett: Il-Forti Manoel inbena fl-1726 fuq gżira żgħira fil-port ta' Marsamxett. Sabiex jitwettaq dan il-proġett inħatru żewġ inġiniera militari Franċiżi: Louis Francois d'Aubigne de Tigne li ntbagħat Malta mir-Re Luiġi XIV fi żmien il-granmastru Perellos fl-1715, u Charles Francois de Mondion.

Dan il-forti għandu disinn imponenti. Fil-fatt kien iddisinjat biex f'każ ta' battalja, jista' jesa' fih sa 500 raġel. Jingħad li Tigne iddisinjah fuq is-sistemi militari ta' Sebastian le Prestre de Vauban. Fil-fatt, il-forti huwa baxx u mill-bogħod ma tantx jagħti fil-għajn bħal ngħidu aħna l-forti Sant' Anġlu. Minħabba dan il-fatt, għandu firxa fuq medda ta' art kbira: dan jagħmilha possibbli li l-attakk isir minn ħafna punti differenti ħdejn xulxin. Il-fatt li huwa relattivament baxx jiffaċilita l-attakk fuq bastimenti li jidħlu fil-port minħabba li l-kanuni jiġu l-istess livell tagħhom, mingħajr il-bżonn li jitbaxxew 'l isfel biex isir l-attakk. Għalkemm id-disinn oriġinali kien ta' Tigne, Mondion għamel xi modifikazzjonijiet fuq dawn id-disinji, li jagħtu d-dehra li naraw illum. Dan id-disinn kien meqjus bħala eżempju ta' fortizza barokka eleganti, imma magna mill-aktar effettiva għall-battalja.

Il-Forti jikkonsisti fi pjazza kbira imdawra bil-kwartieri tas-suldati. Fih ukoll kappella dedikata lil Sant' Antnin, il-qaddis patrun tal-Granmastru Vilhena. Il-forti kellu wkoll kwartieri fejn seta' jilqa' lill-Granmastru. Dan il-forti sewa madwar €6,000 - somma li għalkemm illum tidher miżera għal dak iż-żmien kienet somma fenomenali. Dawn il-flus ħariġhom il-granmastru minn butu. Il-Granmastru ħalla wkoll flus għall-manutenzjoni billi waqqaf il-Fondazzjoni Manoel. Din il-fondazzjoni waqqafha mill-'kwinta'. Ma ninsewx li l-kavallier kienu nobbli u peress li kienu membri f'ordni



*Il-Forti Manoel (Ritratt meħud waqt ir-restawr fl-2009)*

reliġjuż il-ġid tagħhom kellu jmur għall-ordni wara mewthom.

Madanakollu, kwinta (1/5) minn ġidhom seta' jintuża għal liema skop ikun jixtieq il-kavallier konċernat. Din il-fondazzjoni kienet iddaħħal 'l fuq minn 10,000 skud fis-sena. Dawn kienu jintużaw biex isiru investimenti ġodda. Fil-fatt kull tliet snin kien jinxtara kanun ġdid. F'Awwissu 1733 daħlet konsenja ta' tnax-il kanun.

Il-forti Manoel kien jintuża wkoll fi żmien l-Ingliżi fit-tieni gwerra dinjija. Fil-fatt fit-Tieni Gwerra kien iżomm fih, fil-bunkers li hemm taħtu, is-*submarines* Ingliżi. Dan il-forti ġarrab ħsarat konsiderevoli fil-gwerra u baqa' mitluq sa ftit żmien ilu. Nisperaw li dan il-forti jingħata l-attenzjoni li jistħoqqlu u narawh fil-glorja oriġinali tiegħu ma ndumux, bħala l-attrazzjoni prinċipali fil-proġett ta' Manoel Island.

**L-Imdina**

F'Malta seħħ terremot qawwi fl-1693. Dan għamel ħafna ħsara b'mod speċjali fil-Belt l-antika: L-Imdina. Sforz hekk u sforz l-inizjattiva li kellu de Vilhena biex iwettaq proġetti ġodda, saru bidliet kbar f'din il-Belt. Fil-fatt, parti kbira minn din il-belt u s-swar tagħha reġgħu nbnew mill-ġdid. Il-foss mad-dawra tal-belt tħaffer iżjed biex isir aktar fond, u anke d-daħla prinċipali tressqet u reġgħet inbniet mill-ġdid. Dan il-bieb dinjituż huwa eżempju klassiku ta' x'kien iħobb de Vihena: eżattezza u utilità mgħannqa flimkien. Il-bieb tal-Imdina għadu sal-lum juri l-arma tal-granmastru de Vilhena skultura fuq id-daħla prinċipali. Inti u dieħel jilqgħuk żewġ iljuni sinonimi mal-granmastru. Dan il-bieb, għalkemm m'għandu xejn x'jaqsam mal-Furjana, min-naħa ta' wara juri r-rabta intima li dan il-granmastru kellu ma' dan is-subborg, ħolqien tiegħu. Infatti fuq id-daħla tal-bieb min-naħa ta' ġewwa wieħed josserva t-tliet patruni tal-gżejjer Maltin: San Pawl, Sant' Agata u San Publju, li huwa wkoll il-patrun tas-subborg tant għal qalb il-granmastru: il-Floriana.

Dan il-proġett tal-Imdina kellu importanza kbira għall-granmastru Vilhena. Dan nafuh mill-fatt li l-granmastru tela' diversi drabi personalment l-Imdina biex jara x-xogħol. Fl-Imdina ġie rranġat it-Torri tal-Istendard - dan kien torri li minn fuqu jingħata s-sinjal f'każ ta' attakk mill-għadu. Il-kamra t'isfel kienet isservi biex jistkenn fiha il-gwardjan tal-bieb - dan l-iskop għadu simili illum minħabba li f'dan il-bini llum insibu l-għassa tal-pulizija.

Proġett maestuż ieħor li sar mill-granmastru Vilhena huwa l-Palazzo Vilhena - il-palazz tal-granmastru fl-Imdina. Dan il-palazz għandu bitħa kbira kif tidħol imdawra bil-loġoġ fid-diversi sulari. Dan il-palazz inbena fuq stil Franċiż. Il-kritiċi jassoċċjaw l-arkitettura tiegħu ma' dik tat-Teatru Manoel: arkati rieqda mqassmin iħarsu fuq platea (il-bitħa). Iċ-ċentru tal-attenzjoni huwa t-taraġ prinċipali bil-bust tal-Granmastru fuq nett - qisu il-palk tat-Teatru.

F'belt b'toroq dojoq u dellija, b'kuntrast, dan il-palazz fih ħafna ftuħ u arja u tul is-snin serva diversi skopijiet. Fl-1837 waqt il-pesta serva bħala sptar temporanju u fl-1858 kien jintuża bħala sptar għall-mard tal-għajnejn. Wara dan inbidel f'dar għal min ikun qed jirkupra minn xi marda - wieħed jimmaġina li dan sar għall-ammont ta' arja li fih kif diġà spjegajna. Dan il-post beda jintuża wkoll bħala sptar tat-tuberkolożi fl-1909. Wara karriera ta' aktar minn mitt sena jservi ta' sptar, dan il-post sabiħ sar mużew tal-istorja naturali fl-1973.

## Riformi oħra

It-tmexxija ta' de Vilhena ma kinitx biss marbuta ma' proġetti ta' tisbiħ u bini ta' difiża. Il-granmastru kien verament ifittex il-ġid tal-pajjiż u kien iħoss il-bżonn tal-poplu, b'mod speċjali ta' dawk l-aktar batuti. De Vilhena għamel riforma kbira fl-isptar Santo Spirito fir-Rabat - l-ewwel sptar f'Malta. Għadda wkoll diversi liġijiet ta' sanità - fosthom li ma setax jintefa' ilma maħmuġ fit-toroq tal-ibliet u li l-majjali kellhom jinqatlu mhux anqas minn mil 'l barra mill-ibliet. Fl-ibliet ma kellhomx jitħallew annimali jiġġerrew mat-triqat. Il-penali kienu ħorox għal min jikser il-liġi: biex nieħdu eżempju, jekk wieħed jinqabad iħammeġ il-ħitan tal-knisja konventwali ta' San Ġwann jew tal-palazz maġisterjali seta' jeħel sa sitt xhur xogħol fil-forti Manoel bla ħlas. Dawn il-pieni kienu jiżguraw li kulħadd iħares il-liġi - t'hekk naqsu l-prezzijiet, u riżultat t'hekk naqset l-evażjoni u bdew jinġabru aktar flus f'dazji. De Vilhena naqqas ukoll l-ispejjeż tat-*transhipment* (meta t-tagħbija tinħatt minn vapur f'Malta biex tinġabar minn vapur ieħor). Dan għamel lil Malta *freeport* mill-aqwa u x-xogħol żdied immens bi gwadann għall-ekonomija tal-pajjiż - u aħna mingħalina li l-freeport skoprejnieh fis-seklu għoxrin! Għalkemm in-nies kienu fqar, l-ammont ta' xogħol fil-portijiet u fil-proġetti li wettaq il-granmastru ġabu l-prosperità fuq kulħadd. Vilhena ħareġ ukoll il-muniti tiegħu li kienu jinħadmu fiz-*zekka* tal-Ordni fil-belt Valletta. Ta' bniedem dilettant tal-arti, wieħed jobsor il-perfezzjoni u d-dettall f'dawn il-muniti. Fil-fatt il-muniti ta' de Vilhena meqjusa bħala l-isbaħ li qatt ħareġ l-Ordni. Ħaġa tal-iskantament kemm dawn in-nies li ma kellhomx it-taħriġ fl-ekonomija u l-*management* kif għandna llum kienu jmexxu b'tant kapaċità. Wieħed jistaqsi hux ta' min inħarsu lura minflok nippruvaw inħarsu 'l quddiem u nsibu metodi innovattivi għall-bżonnijiet tagħna illum - forsi kieku naslu qabel!

F'dan l-artiklu tajna ħarsa lejn ftit mill-proġetti l-anqas magħrufa li wettaq il-granmastru Vilhena fl-erbatax-il sena li fihom kien fit-tmexxija ta' artna. Nistgħu ngħidu li t-tibdil li wettaq għadna ngawduh u nistagħġbu bih sal-lum. Il-Furjana żgur li għandha għalfejn tkun kburija b'dan il-bniedem tant kbir li taha l-ħajja. Għalkemm lil dan il-bniedem ma nafuhx, il-proġetti tiegħu jgħallmuna fuqu: bniedem perfezzjonist, ġeneruż, inġenjuż, determinat u prattiku. Dawn il-kwalitajiet uzahom għall-ġid ta' missirijietna. Mhux ta' b'xejn li jingħad li



*Parti mill-Fortifikazzjonijiet li kienu jdawru il-Furjana*

lezzjoni li għandna bżonn nitgħallmuha aħna fi żmienna.

De Vilhena għamel riformi kbar fl-ekonomija ta' dak iż-żmien. Naqqas id-dazji u riżultati



Il-Monument tal-Granmastru Vilhena

l-Granmastru Vilhena huwa l-aktar granmastru maħbub fit-350 sena tal-ħakma tal-Ordni f'Malta. Il-problemi ta' żmienna huma identiċi għal ta' Vilhena, għalkemm f'kuntest differenti. Tajjeb li nqallbu l-paġni tal-istorja qabel nieħdu deċiżjonijiet importanti għall-ġid tal-pajjiż.... min jaf... forsi dak li sar 'l fuq minn mitejn u ħamsin sena ilu jista' jgħinna niffaċċjaw l-isfidi ta' żmienna. Wara kollox il-bniedem dejjem bniedem jibqa' - il-kuntest biss jinbidel.




Il-kitba li hemm fuq il-monument


Xandiriet Live
Minn Radju Vilhena 106 FM

*Fl-Okkażjoni tal-Festa ta'*
*San Publju*
*Id-Direttur, Brian Zammit*
*flimkien ma' DJ's,*
*preżentaturi u xandara*
*Jawgurawlek il-festa t-tajba*

E-mail: d_goss.p@hotmail.com
Tel: 21255820